MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 900/2009

Alfred Gera & Sons Limited (C120).

Vs

Cassar & Schembri Limited (C10138 u Claudio Cassar (Id. 298392M) in solidum.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija, wiehed u disghin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€591.48) minghand il-konvenuti in solidum bejniethom, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta' konvenuta u ghal liema il-konvenut Claudio Cassar obbliga ruhu in solidum sabiex ihallas.  Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2009 fejn gie dikjarat illi s-sorte kien thallas kollu.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fir-rigward tal-kap tal-ispejjes biss, u l-fatt li l-konvenuti naqsu milli jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu in solidum bejniethom l-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------